# IX-XATT – IL-BENNIENA TAL-MARSA



JIKTEB
IL-KAV. CHARLES ATTARD

Dan ir-ritratt li qed nirriproduċu din is-sena f'din is-serje ta' erba' ritratti antiki tal-Marsa jurina l-Port il-Kbir ta' Malta, in-naħa ta' ġewwa, kif taqbeż dak li kien jissejjaħ il-Bieb tax-Xewka, li kien jifred ix-xatt tal-Marsa minn dak tal-Belt. Fl-isfond tidher il-Knisja l-ġdida tagħna għadha qed tinbena.

Difatti wisq probabbli li dan ir-ritratt ittieħed fl-1912 (iktar minn disgħin sena ilu) għax kien għadu ma nbeniex il-kunvent ta' wara l-Knisja li allura kienet lesta minn kollox fl-1913 meta nfetħet u ħarġet parroċċa.

Kif jidher minn dan ir-ritratt, din in-naħa tal-port kienet ġmielha mimlija ħajja bl-iskejjen iġibu lejn pajjiżna kull xorta ta' merkanzija li ġeneralment kienet tiġi stivata fl-imħażen f'dawn l-inħawi biex wara titqassam madwar Malta kollha. U huwa dan il-kummerċ li proprju ressaq lill-poplu lejn il-Marsa fl-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin biex meta fl-aħħar inbniet il-Knisja, il-poplu kellu fejn jinqeda għall-bżonnijiet spiritwali tiegħu.

Il-bini tal-Knisja u l-parroċċa fl-aħħar taw lill-Marsa dik l-identità tagħha. Għax allavolja qabel u minn dejjem il-Marsa kienet teżisti, imma dejjem kienet tagħmel parti minn x'imkien ieħor. Bħala parroċċa l-Marsa kienet tappartjeni lil Ħal Qormi, wara lill-Belt Valletta meta nbniet il-Belt fl-1566 (wara l-Assedju l-Kbir). Fil-fatt is-salib tal-Marsa f'xifer Triq it-Tiġrija twaqqaf proprju biex jindika safejn kien jasal Ħal Qormi u jibda t-territorju parrokkjali tal-Belt Valletta. Wara l-Marsa bdiet tagħmel mal-Ħamrun, parti mal-Furjana u parti ma' Ħal Tàrxien.

Meta l-Marsa ħarġet parroċċa fl-1913 kellha territorju vast ħafna. Ix-xatt kollu minn ħdejn il-bieb tax-Xewka (fejn illum hemm it-terminal tal-vapuri tal-passiġġieri), tmiss mal-Belt, tmiss mal-Furjana, mal-Ħamrun, ma' Ħal Qormi, ma' Ħal Luqa u mar-Raħal Ġdid (Casal Paola) sa Ras Ħanżir, taħt Kordin.

## IX-XATT – IL-QALBA TA' MALTA

Però wieħed jista' jgħid li l-Marsa dejjem kienet assoċċjata max-xatt - Il-Qalba ta' Malta. Fejn kien isir in-negozju kollu tal-gżira. Mhux ta' b'xejn li dawn l-inħawi raw l-aqwa azjendi tan-negozju u tas-snajja jittrawmu u jitkattru. Il-bini ta' l-iskejjen tal-qlugħ, l-imħażen tal-faħam, il-barklori biex jaqdu l-inġenji tal-baħar. Fil-fatt, il-Marsa, bħala distrett, dalwaqt tfakkar iċ-ċentinarju minn meta ħadet sehem l-ewwel darba fir-Regatta tat-8 ta' Settembru.

## IX-XATT – BENNIENA TA' ĠENSNA

Hawn kien fejn trawwem il-poplu Marsi. Hawn fejn ħadmu u stinkaw missirijietna. Hawn fejn svolġiet l-identità tagħna n-nies tal-Marsa. Ix-xatt kien il-benniena ta' Ġensna. Ix-xatt kien dak li tema lill-familji tal-ħaddiema tal-braken u ta' dawk kollha marbuta



**Dehra tal-Port tal-Marsa mimli skejjen. Fl-isfond fuq in-naħa tal-lemin tidher il-Knisja, li kienet għadha qed tinbena. Fuq ix-xellug 'il fuq tidher l-Għolja tal-Ġiżwiti (Il-Qortin) kollha għelieqi.**

magħhom. It-taverni ta' l-ikel u l-ħwienet ta' l-inbid. L-iskejjen iġorru l-inbid ta' Sqallija u tal-Greċja. Ta' Dacoutros, ta' Coleiro u ta' Għawdex kienu kollha jirmiġġaw fil-Marsa.

Il-griebeġ ta' l-injam u l-kmamar taż-żingu fejn trabbew b'tant għożża u mħabba l-familji numerużi ta' 10 jew 12-il wild. Fejn biex forsi jitgħallmu ftit skola kemm kemm jaqraw u jiktbu kienu jridu jimxuha sa Santu Wistin il-Belt u lura f'xemx u xita!

Din hija l-istorja soċjail ta' pajjiżna. Storja ta' poplu ħawtiel, miġbur b'għożża madwar il-familji u fl-aħħar sab l-identità tiegħu meta l-ġenerożità b'għemil divin wasslet biex negozjant benestant u martu mill-Belt Valletta indaħlu u ħennew għal dan il-poplu fqir u ġwejjed, biex bnewlu Knisja, ġawhra f'nofs din l-art vasta u antika, rikka fl-istorja u poġġew lill-Marsa taħt il-ħarsien divin tat-Trinità Qaddisa biex minn dak in-nhar 'il quddiem il-poplu tal-Marsa qatt ma ħares lura u laħħaq mal-pass mgħaġġel tal-progress biex illum jimxi b'rasu mgħollija mal-ġirien tiegħu.

Għalhekk il-poplu tal-Marsa qatt ma jasal li jiċħad l-oriġini tiegħu. Ix-Xatt u l-Port li wellduh u sawruh. "Ta' hawn isfel, ... Ta' hawn isfel, ... Ħadd ma jista' għalina!" Ikantaw iż-żgħażagħ għalenija!

## L-EWWEL FESTA TAT-TRINITÀ FIL-MARSA 1913

Wara dak li ktibna f'dan il-ktieb sentejn ilu, meta esprimejna d-dubju dwar dak li dejjem qrajna, jiġifieri li l-ewwel festa tas-S.S.ma Trinità fil-Marsa kienet inżammet modestament fit-8 ta' Mejju 1913, issa nistgħu nikkonfermaw li dan kien żball.

Grazzi għas-Sur Joseph Herbert, mir-Raħal Ġdid, issa nistgħu nikkonfermaw li l-ewwel festa fil-Marsa saret nhar it-

## 18 TA' MEJJU 1913

Is-Sur Herbert meta qara l-artiklu ta' sentejn ilu ħa l-inkarigu u mar il-Bibjoteka, il-Belt Valletta, u għamel ir-riċerki kollha meħtieġa u kitbilna ittra bid-data ta' 14 ta' Ġunju 2001 f'dan is-sens. Ta' dan nirringrazzjawh.